Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,570, 30 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 36 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D - fl-Istitut tal-Mediterran

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut tal-Mediterran bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-Istitut tal-Mediterran.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut tal-Mediterran;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.;

"l-Istitut" ifisser l-Istitut tal-Mediterran; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Lulju 1995 'l quddiem.

Reġistrazzjoni

3. Il-Kors huwa miftuħ għall-gradwati li għandhom:

(a) il-grad ta' Master; jew

(b) kwalifiki ekwivalenti kif approvati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, fl-oqsma mgħallma mill-Istitut skond l-Istatut tiegħu.

4. Il-kandidati għandhom jissottomettu proposta ta' riċerka li tinkludi riferenza għall-għejun, ta' madwar 800 kelma.

5. Is-superviżur, jew ko-superviżur, propost mill-kandidat għandu jkun approvat mill-Bord biss wara konsultazzjoni mad-diviżjoni jew diviżjonijiet kompetenti.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tat-Teżi

6. It-teżi għandha normalment tkun bejn 70,000 u 80,000 kelma fit-tul, minbarra r-riferenzi u l-bibljografija.

7. Student għandu jkun meħtieġ jissottometti kopja tat-teżi illegata b'mod adekwat lil kull membru tal-Bord ta' l-Eżaminaturi. Fi żmien tliet xhur wara li jkun għadda mill-eżami tat-teżi, l-istudent għandu jissottometti żewġ kopji tat-teżi, li waħda minnhom għandha titqiegħed fil-Biblijoteka ta' l-Università illegata kif ġej:

bid-drapp (jekk jista' jkun iswed) b'qoxor iebsa u b'karti ta' kwalita' tajba; bl-ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;
(ii) l-isem jew l-isem fil-qosor tat-teżi;
(iii) il-grad li għalih it-teżi qed tkun sottomessa; u
(iv) is-sena meta tiġi sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs,* materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mat-teżi, iżda jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

8. It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, b'spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm fuq ix-xellug u mill-inqas b'marġni ta' 20 mm fuq in-naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.